MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1053/2001/1

**Fruitland Company Limited**

**vs**

**W.J. Parnis England Ltd. bhala agenti u in rappreżentanza ta' Bulcon Navigation Maritime Bulgare Vana.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 12 ta' Gunju 2001 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici impurtat partita merkanzija konsistenti fi frott go "reefer container" numru XXX5513375, liema merkanzija tghabbiet u waslet Malta fuq il-bastiment MV Sofia.

Illi l-merkanzija kellha tinzamm f’ temperatura kostanti ta' + *6 degrees Celsius*.

Illi meta waslet il-merkanzija, gie innotat illi t-temperatura kienet ta' - *14 degrees Celsius*. Gara li l-merkanzjia kollha hzienet tant li ma kinetx tajba aktar ghal konsum uman.

Illi bhala rizultat is-socjeta' attrici sofriet danni ammontanti ghal sitt elef, mija tnejn u hamsin liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm6,152.39).

Illi s-socjeta' Bulcon Navigation Maritie Bulgare, Vana rapprezentata mis-socjeta` WJ Parnis England Ltd. kienet responsabbli tal-garr tal-merkanzija in kwistjoni u peress hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici u dan billi l-merkanzija hzienet meta l-istess kienet ghadha fir-"reefer container" kif diga` fuq premess ma nzammetx it-temperatura necessarja biex il-merkanzija tinzamm f’ kondizzjoni tajba, kollox kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi : -

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici.

2. Konsegwentement tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mija tnejn u hamsin liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm6,152.39).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-23 ta' Ottubru 2000 u cioe' d-data tal-konsenja, kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ W.J. Parnis England Limited datata 19 ta’ Settembru 2001 (fol 46) fejn esponiet:-

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' responsabbilta' tal-eccipjenti *ai termini* tal-klawsola 11 tal-polza tal-karigu (kopja esbita bhala dokument JB1) *stante* li l-*reefer container* la kien propjeta' ta' u l-anqas mikri lit-trasportatrici.

2. Illi skont l-artikolu 11 (ii) l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti *stante* ma giex mimli mit-trasportatrici.

3. Subordinatament trid issir il-prova kemm tal-valur u kemm tal-kundizzjoni tal-merkanzija qabel ma beda l-vjagg.

4. Subordinatament trid issir prova li l-eccipjenti kienet responsabbli ghad-danni allegatament sofferti.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit l-applikazzjoni tal-Hague Visby Rules bhala Clause Paramount, klawsola 1 fil-polza tal-kariku, fil-komputazzjoni ta' danni f’ kaz ta' responsabbilta'.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tas-socjeta` attrici b’ referenza ghal dak li hemm imsemmi fl-ewwel eccezzjoni u fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni mahlufa jaqblu illi “reefer container” mertu ta’ dan il-kaz ma kienx la l-proprjeta` ta’ u lanqas mikri lil kumpanija trasportatrici. Il-kumpanija konvenuta u l-Avukat taghha msejhin tliet darbiet ma dehrux. Giet trattata l-ewwel eccezzjoni preliminari b’ mod li l-Qorti tat lill-kumpanija konvenuta sal-14 ta’ Marzu 2002 biex tressaq nota ta’ sottomissjonijiet dwar l-istess b’ notifika lill-Avukat tas-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghal decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari fin-nuqqas ta’ xkiel ghat-2 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kumpanija konvenuta datata 12 ta' Marzu 2002 a fol 79 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tal-25 ta' Settembru 2003 (fol 98) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn inghatat decizjoni *in parte*, illi: -

***Il-Qorti,***

***Tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-kumpanija mharrka, bl-ispejjez kontra taghha u tiddikjara li l-klawsola ta' ezoneru fil-polza ta' kariku ma tehlishiex mir-responsabbiltajiet kontrattwali taghha fil-konfront tal-kumpanija attrici; u*

***Tordna** li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi fil-mertu."*

Il-kawza giet differita ghall-provi tal-kumpanija attrici ghall-15 ta' Jannar 2004 b' dan illi l-kumpanija attrici tista' tressaq il-provi bil-mezz tal-affidavit sa mhux aktar tard mill-5 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2000 (fol 214) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw il-kawza estensivament. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2006, b' dan illi sa mhux aktar tard mill-25 ta' April 2006 inghatat lill-kumpanija konvenuta l-fakolta` li tressaq nota ta' referenza dwar il-limitazzjonji ta' responsabbilta` (il-hames eccezzjoni) liema nota ghandha ssir bil-*visto* tal-Avukat tal-kumpanija attrici; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tal-31 ta' Ottubru 2012 fejn b' ordni tal-Qorti u peress li l-Qorti kif diversament presjeduta kienet tehtieg iktar zmien ghall-ghoti tas-sentenza, il-kawza giet differita ghal dan il-ghan ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat id-digriet tal-Qorti kif hekk illum presjeduta datat 7 ta' Frar 2013 a fol 240 tal-process, fejn il-Qorti, wara li l-kawza premessa giet assenjata lilha; Wara li hadet konjizzjoni tal-process u nnotat li kien hemm trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet li, izda ma gietx registrata; U fl-assenza ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet; Qieset li jkun ghall-ahjar interess tal-gustizzja li taghti lill-partijiet l-opportunita' li jaghzlu li jittrattaw il-kawza quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta. Ordnat lid-difensuri tal-partijiet sabiex jidhru fis-seduta li jmiss fl-14 ta' Frar 2013 sabiex jigi iffissat appuntament ghat-trattazzjoni finali tal-kaz quddiem din il-Qorti u fin-nuqqas il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Fruitland Company Limited datata 30 ta' April 2013 a fol 247 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2013 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta` konvenuta u Joe Bowman rapprezentant tal-istess. Dr. Camilleri talab li jigi awtorizzat jipprezenta n-nota responsiva tieghu *seduta stante* u nforma lill-Qorti li kopja tal-istess diga` nghatat lid-difensur tas-socjeta` attrici. Il-Qorti fic-cirkostanzi laqghet it-talba u rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-28 ta' Frar 2013 rigward it-terminu relattiv. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-19 ta' Novembru 2013.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' W.J. Parnis England Limited noe datata 4 ta' Lulju 2013 a fol 260 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta' attrici istitwiet din il-kawza *stante* li qed issostni li soffriet danni f'merkanzija li importat f'Malta konsistenti f'taghbija ta' laring, fl-ammont ta' hamest elef, seba' mija u erbatax-il lira Maltija u disa' u tmenin

centezmu (Lm5,714.89)[1] tlettax-il elf, tliet mija u tnax-il ewro u hdax-il centezmu (€13,312.11), minhabba li l-merkanzija li ngarret *f'reefer container* numru XXX5513375 fuq il-bastiment *MV Sofia* rapprezentat f'Malta mis-socjeta' konvenuta, kienet soffriet deterjorament minhabba li t-temperatura tal-istess *container* ma nzammitx fil-grad necessarju sabiex il-merkanzija tibqa' f'kondizzjoni tajba.

Illi ghal din l-azzjoni l-kumpanija konvenuta laqghet billi qieghda tghid li, bis-sahha tat-termini tal-polza ta' karigu, hija mehlusa minn kull responsabbilta' ghal dak li gralha l-kumpanija attrici.

Illi mill-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jirrizulta li fl-20 t'Ottubru 2000[2], dahal f'Malta l-bastiment *MV Sofia* tal-linja Bulcon Navigation Maritime Bulgare, ta' Varna bit-taghbija ta' laring frisk ordnata u mixtrija mill-kumpanija attrici. Din it-taghbija kienet mizmuma f'*high cube reefer container* numru 551337/5. Il-garr tal-konsenja kien regolat b'polizza ta' kariku numru MAL/03 mahruga f'Rotterdam, l-Olanda, fil-11 t'Ottubru 2000[3], il-port minn fejn il-frott kellu jitghabba fuq l-imsemmi bastiment dakinhar stess u jispecifika li t-temperatura tal-*container* kellu jinzamm kostanti f'+6 gradi *Celsius*. Il-kumpannija attrici rtirat il-konsenja fit-23 t'Ottubru 2000. L-ghada ressqet ilment lill-kumpanija intimata dwar il-hsara fil-frott, u dakinhar ukoll sar ir-rapport tas-*surveyor* Paul Ellul[4]. Il-kumpanija intimata mill-ewwel cahdet kull responsabbilta' dwar dak li seta' gralha l-kumpanija attrici[5].

Illi s-socjeta' attrici nvokat il-klawsola 2(a) tal-polza ta' kariku li tghid li :

*"The Carrier's obligations in respect of the goods shall begin when the goods are received at the Ocean Vessel's rail at the port of loading and shall continue until the*

[1] Rizultanti min-nota ta' riduzzjoni tat-talba a fol. 139 datata l-24 ta' Frar 2005.
[2] Dok "A", f'fol. 7 u 11 tal-process
[3] Dok "B", f'fol. 21 u Dok "JB1", f'fol. 49 tal-process
[4] Dok "C", f'fol. 28 sa 41 tal-process
[5] Dok "B", f'fol. 18 tal-process.

*goods are discharged at the Ocean Vessel's rail at the port of discharge."*

Jirrizulta li l-polza ta' kariku nharget fil-11/10/2000 *MAL/03-ex works* - fejn il-garr tal-merkanzija kellu jsir mis-socjeta` trasportatrici matul il-vjagg <u>kollu</u> mill-post tal-konsenja tal- merkanzija sal-*free out* wara l-wasla f'Malta. Il-merkanzija hija ndikata bhala *1X40ft reefer container 1440 cartons oranges, "temperature to be maintained at + 6 degrees Cels."* Il-*container* kien tat-tip *shipper's own.*

Jirrizulta mill-provi u accettat miz-zewg partijiet, li meta nfetah il-*container* fil-post tad-destinatarju, u giet skarikata sabu li l-merkanzija kienet kollha u kienet giet skarikata f'temperatura ta' - 14-il grad *Celsius*. Dan hu konfermat mix-xhieda tat-teknici tal-*Freeport Malta plc,* li meta l-bastiment wasal f'Malta sabu li l-*container* kontenenti l-merkanzija in kwistjoni kellu temperatura ta' - 14 gradi *Celsius*.[6]

Illi s-socjeta' attrici tikkontendi li l-vettural huwa responsabbli ghall-hsara kkagunata u tistrieh fuq il-fatt li l-merkanzija nzammet f'temperatura differenti minn dak indikat fuq il-polza, liema temperatura attwali kienet il-kagun tal-fatt li l-laring spicca li mmoffa u kien *unfit for human consumption.*

Il-kontendenti kkonducew *survey* separat fuq il-merkanzija li jikkonferma li meta gie skarikat il-*container* kellu temperatura ta' - 14 grad C. Izda filwaqt li s-*survey* kondott minn Paul Ellul ghas-socjeta` attrici jikkonferma biss il-grad tat-temperatura meta giet skarikata l-merkanizja, is-*survey* u testijiet kondotti minn Brian Dolton ghas-socjeta` konvenuta juru ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li t-temperatura kienet giet issettjata fil-grad ta' -14 grad C <u>minn qabel ma beda l-vjagg, u gie ssettjat mix-*shipper* stess.</u>

## <u>**Provi Prodotti**</u>

---

[6] Xhieda ta' Ivan Curmi u Dione Agius

Xehed **Hermann Mallia**[7], Direttur tas-socjeta' attrici, li spjega li l-istruzzjonijiet moghtija lis-socjeta` konvenuta, bhala agenti u rapprezentanti tal-linja marittima Bulcon, kienu li jingabar il-*container vojt* mertu ta' din il-kawza (shipper's own container) mill-*container depot* ta' *Allied Container Network BV* f'Rotterdam u dan jittiehed biex jghabbi ghoxrin *pallet* laring frisk minghand is-socjeta' esportatrici. Dawn ta' l-istruzzjonijiet (**DOK HM1)** gew ikkuppjati lill-agenti esteri tal-linja marittima Bulcon f'Rotterdam. Dawn l-ahhar kienu ghamlu kondizzjoni fejn stipulat li l-*containers* tat-tip *shipper's own* jitghabbew biss jekk akkompanjati minn certifikat CSC u *pre-trip inspection report* li jiccertifikaw li l-*container* ikun qieghed jiffunzjona perfettament u hekk sar.[8] Esebixxa wkoll certifikat mahrug fl-Olanda li jattesta l-kondizzjoni tajba tal-merkanzija qabel ma tghabbiet.[9]

Meta wasal il-*container* u fethuh sabu li l-merkanzija kienet kollha ffrizata u kienet giet skarikata f'temperatura ta' - 14-il grad *Celsius*. Esebixxa ukoll survey redatt mill *Mediterranean Survey Bureau* (**DOK.C**).

**Xehed Paul Ellul**[10], is-*surveyor* inkarigat mis-socjeta' attrici (Dok. C a fol.28 sa 41 tal-process). **In kontro-ezami** qal li ma rax jekk ir-*reefer container* kellux *temperature chart* li juri l-varjazzjoni tat-temperatura waqt il-vjagg ghaliex dan ma kienx disponibbli ghalih. Kien prezenti meta nhatt ix-xoghol, ra s-silg u ha qari tat-temperatura tal-frott mill-konsenja.

Qal ukoll li fl-ghamla tal-*container* in kwistjoni normalment ikun hemm aggegg *temperature data recorder* li fih jigi registrat kull kambjament fit-temperatura minn meta l-merkanzija titghabba sakemm tinhatt. Dan ikun mibni bhala parti mill-*container* u allura jipprovdih il-proprjetarju tal-*container* (*container operator)*, u f'dan il kaz ir-*recorder*

---

[7] Affidavit a fol.100 et.seq.tal-process.
[8] **Dokti HM2 u HM3.**
[9] **DOK. HM5** datat it-2 ta' Ottubru 2000.
[10] Xhieda a fol.125 et.seq. tal-process.

ikun provvdut minn min ikun ghabba l-merkanzija, jigifieri ix-*shipper*.

Qal ukoll li z-zamma tal-qari tat-temperatura hija responsabbilta` ta' min igorr il-*container* mill-mahzen sal-port, u mbaghad mic-corma tal-bastiment wara li jitghabba li skont il-prassi taghhom izommu *'temperature log'*.

Xehed **Joseph Bowman** f'isem is-socjeta' konvenuta[11] u qal li l-bastiment wasal fit-18 ta' Ottubru 2000 u r-*reefer container* inhatt dakinhar stess u ttiehed f'taqsima tal-port hieles u l-agenti jkunu mgharrfin dikinhar stess li l-bastiment ikun dahal f'Malta. Madanakollu t-*technicians* tal-*Freeport* ikkomunikaw maghhom fit-23 ta' Ottubru biex jghidulhom li t-temperatura illi kienet qed tidher bhala *reading* fuq l-istess *container* kienet ta' - 14-il grad *Celsius*.

*In-**kontro-ezami** qal li ma jikkontestax is-suggeriment li* biex it-temperatura tal-*container* tinzamm b'dak il-mod u livell, anke waqt il-vjagg, dan irid ikun plugjat anke matul it-tragitt. Din hija r-responsabbilta` tac-corma fuq il-bastiment.

Jekk jirrizulta li l-kundizzjonijiet indikati fil-polza ghar-rigward tal-*container,* ma jkunux jikkorrispondu ma' l-istat attwali tal-*container* qabel ma jitghabba, l-agent normalment jaghmel klawsola f'dan is-sens fuq il-polza ta' tghabija.

Xehed **Joseph Buhagiar**, rapprezentant tal-*Protection and Indemnity Club* tal-vapur MV Sofia u esebixxa *survey report* datat il-21 ta' Novembru 2000 (**Dok. JBA)** li sar fuq talba tal-agent tal-vapur. Kien spezzjona l-konsenja mertu ta' din il-kawza ghall-habta ta' Novembru 2000 flimkien mas-*surveyor* tar-ricevitur u *technician*, certu *Brian Dalton* li ghamel spezzjoni fuq il-mekkanzimu tar-*reefer container* ghalkemm dan ma ffirmax ir-rapport. Madanakollu l-qari u taghrif li huwa ha biex jasal ghall-fehmiet tieghu huwa wiehed mid-dokumenti mehmuza mar-rapport.

---

[11] Xhieda a fol. 132 et.seq. tal-process.

Rega' xehed[12] u qal li quddiemu, waqt li l-*container* kien fil-post tar-ricevitur, Brian Dolton issettja t-temperatura tal-*container* ghal +6 centigradi. Wasal ghall-konkluzjoni dwar in-nuqqas ta' *pre-tripping* tat-temperatura fuq dak li qallu Dolton u mit-taghrif illi ttiehed tal-*container* matul il-vjagg. (fol 164 - *reefer's download of temperature).*

Xehed **Ivan Curmi[13]**, *maintenance and repairs manager* mal-kumpannija Freeport Malta p.l.c u qal li l-*container* mertu ta' din il kawza, tnizzel minn fuq il-bastiment MV Sofia fl-20 ta' Ottubru 2000 u t-temperatura fil-hin tal-izbark kien ta' – 14 centigrad. Din kienet il-Gimgha u l-*container* tnizzel ghall-habta tal-11.30 ta' billejl. Sakemm jittiehed fil-post destinat ikun lahaq ghadda certu hin.

Waqt li *container* ta' din l-ghamla jkun ghadu taht il-kontroll tal-*freeport terminal,* jigi ccekjat f'tliet hinijiet partikolari, cioe`, f'nofsillejl, fit-8.00am u fl-4.00pm (ara *reefer monitoring sheets* fid-dati 22 u 23 ta' Ottubru 2000 - Dok ICB-ICF). Fit-22 ta' Ottubru f'nofsillejl il-*container* kien qed juri temperatura ta' - 14 grad C. Ma ghandhomx qari ghall-21 ta' Ottubru 2000. Il-*container* hareg mill-ambjent tal- *freeport terminal* xi ftit hin qabel 2.00pm fit-2 ta' Ottubru 2000 (Dok ICG).

Xehed **Dione Agius[14]** li f'Ottubru 2000 kien *technical clerk* fil-Port Hieles. Qal li xoghlu kien jibda hekk kif il-bahrin inizzlu l-*container* minn fuq il-bastiment billi jipplaggjaw il-*container* mas-sistema tal-elettriku. Hu kien xoghol fil-21 ta' Ottubru 2000 meta l-*container* in kwistjoni nhareg mill-Port hieles. Min-notament li ghamel hu fuq **DOK ICA** nizzel li ppruvaw jikkuntattaw lil John Bowman peress li l-qari tat-temperatura ma kienx jaqbel ma' dak li suppost kellu l-*container.* "*Qabel ma jkollna struzzjonijiet specifici jew b'fax jew inkella b'mod iehor minghand l-agenti, ma mmissux it-temperatura, riedna nikkuntattjaw u ngibu konferma minghandu."*

[12] Xhieda a fol. 200 tal-process.
[13] Xhieda a fol. 191 et.seq.tal-process.
[14] Xhieda a fol. 196 et.seq.

In **kontro-ezami** xehed li huwa possibbli biex it-temperatura settjata f'*reefer container* tigi aggustata. Jekk isir hekk imma jrid jghaddi certu hin qabel mat-temperatura tinzel jew t'ghola iktar minn dak indikat fuq it-*thermostat* tal-*container.*

Xehed **Brian Dolton**[15] impjegat mad-ditta *Inter Repairs Malta Ltd* u qal li ntalab jispezjona *reefer container* u ghal dan il-ghan nizzel l-informazzjoni rigward it-temperatura *"at which the contents of the container had been set and retained".* Ikkonferma d-dokument a fol 164 li huwa *a standard download of reading".* Qal li mill-qari tieghu "*it was evident that when the container was about to be sent to Malta the setting time and date were not properly installed."* Dan id-dokument gie redatt fit-8 ta' Novembru 2000. Peress li d-data fuq ir-*readings* kienet zbaljata, mill-kalkoli li ghamel seta' izda, jasal sabiex jistabbilixxi d-data reali ghar-*readings* li ha u wasal ghall-konkluzjoni li "mir-*readings* tieghu ghad-data tat-13 ta' Settembru li realment ghandu jigi nterpretat bhala l-10 ta' Ottubru tal-istess sena, "*my explanation of the temperature indicated at that particular date is that there could have been a misapplication of the temperature set, instead of being in degrees centigrade, it was set at Farenheit correspondent."*

Qal li "*For the period corresponding to the dates of the 11th October to the 24th October I can state that the temperature set for the particular contained was retained at -14 degrees C."*

Qal ukoll li jirrizulta li fid-data ndikata bhala s-6 ta' Settembru fuq ir-*readings* tieghu jidher li l-*container* gie mixghul sabiex jigi ttestjat f'dik id-data. Qal li dan ma kienx *proper pre-trip inspection* ghaliex dan jirrikjedi li t-temperatura tigi rikordjata kull siegha fuq medda ta' mill-inqas seba' sieghat u ma jirrizultax li dan sar mid-dokument tieghu. Konfrontat bir-rapport prodott mis-socjeta` attrici a fol. 22 qal "*This seems to be a pre-trip inspection report. However I would like to add that for a*

[15] Xhieda a fol.204 tal-process.

*proper pre-trip inspection report, the temperature of the reefer container has to be dipped to 0 degrees C and then further on to - 20 degrees C. The said document seems to suggest that the pre-trip inspection was not properly done"* u ghamel riferenza ghal dak li hemm mitkub bl-idejn fuq dak id-dokument.

**Konsiderazzjonijiet Legali u Apprezzament tal-Provi**

Illi s-socjeta` konvenuta *nomine* fit-tieni eccezzjoni tghid : jghid illi mhuwiex responsabbli ghall-hsara allegata peress li l-*container* ma giex mimli mit-trasportatrici.

Huwa utili l-Qorti f'dan l-istadju taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet dwar dak li jirrizultalha mill-provi.

Il-partijiet jaqblu li l-*reefer container* ma kienx jappartjeni lil jew kien mikri mill-vettural[16].

*Inoltre* l-Qorti tqies li s-socjeta` attrici rnexxiela tipprova li l-merkanzija kienet fi stat tajba meta tghabbiet fil-*container*. (Certifikat EC/NL/296225 tal-2 ta' Oct. 2000).

Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li l-merkanzija ngarret fit-temperatura ta' - 14 grad C. matul il-vjagg u li l-*container* kien gie ssettjat hazin <u>qabel</u> il-fazi tat-trasport *ex works* mill-konsenjatarju. Dan johrog mix-xhieda ta' Brian Dolton. liema xhieda ma giex kontradetta mis-socjeta` attrici u lanqas minn Paul Ellul, is-*surveyor* inkarigat mis-socjeta` attrici, li da parti tieghu ma stharrigx it-*temperature log* tal-*container*. Tinnota wkoll li l-kwalifiki ta' Brian Dolton biex jaghmel it-testijiet in kwistjoni ma gewx ikkontestati mis-socjeta' attrici. Skont Dolton, mill-qari tieghu sab li "*For the period corresponding to the dates of the 11th October to the 24th October I can state that the temperature set for the particular container was reatined at - 14 degrees C"* u *"it was evident that when the container was about to be sent to Malta the setting time and date were not properly installed."*

---

[16] Ara Verbal fis-seduta tat-13 ta' Frar 2002 a fol. 77 tal-process.

*Inoltre* johrog car mix-xhieda prodotti li l-merkanzija thassret u saret *unfit for human consumption* bhala effett dirett tat-temperatura zbaljata ssettjata ghall-*container.* Il-*container* fih innifsu ma kienx iddanneggjat jew malfunzjonanti u gie spezjonat qabel ma gie ppakkjat biex jitghabba fuq il-bastiment.

**<u>Responsabbilta` tal-Vettural</u>**

Hawnhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta li l-kwistjoni dwar responsabbilta' ma gietx deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza preliminari taghha. F'dik is-sentenza, il-Qorti ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi ddecidiet li s-socjeta` konvenuta ma tistax tistrieh *a priori* fuq klawsoli ta' ezoneru ta' responsabbilta` mnissla fil-polza ta' kariku biex tinheles mir-responsabbiltajiet taghha. Ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza lokali u internazzjonali u fissret li "*The Convention* (Hague, u Hague -Visby Rules) *meant-in the end - that a carrier would be liable for his errors and faults, but not for the erros and faults of others."*[17]

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta korrettement tghid li l-kwistjoni ta' responsabbilta` ma gietx rizolta b'dik is-sentenza preliminari, kontrarjament ghal dak li donnu qieghda ssostni s-socjeta' attrici.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra l-kwistjoni ta' responsabbilta` ghall-hsarat imgarrba fil-merkanzija.

Bhala principju fondamentali hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza l-polza tal-kariku "*rappresenta la merce*" (**Vol. XX P III p 3**) u taghmel "*prova della caricazione*" (**Vol. VII p 366**), kif hekk *del resto* jistabbilixxi l-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc. Konsegwentement in kwantu prova tat-trasport permezz ta' dan id-dokument il-kaptan tal-vapur jobbliga ruhu li jikkonsenja l-merkanzija fil-port tad-destinazzjoni fl-istess kundizzjoni li tghabbiet u lil min

[17] Sentenza a fol. 95 tal-process.

ikollu dritt ghaliha skont it-termini tal-istess polza (**Vol. XLIII P III p 862**).

Il-polza wkoll il-prova tal-obbligazzjonijiet kontrattwali li jirregolaw il-partijiet. Bhala norma dawn il-poloz jikkontjenu t-termini u l-kondizzjonijiet li jghoddu ghall-garr partikolari. Il-polza in kwistjoni mhix nieqsa minnhom u tevidenzja, bl-inseriment fiha ta' klawsoli specifici, il-modalitajiet regolanti t-trasport.

Kwantu ghal fazi tat-trasport proprju bil-bahar jsib applikabbilta` dak dettat fl-**Artikolu 3 tal-istess Hague Rules**, *inter alia*, li "*the carrier shall properly and carefully load, handle, stow, carry, keep, care for, and discharge the goods carried"* (subsection 2).

Rigward l-*onere* tal-prova, din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha okkazzjoni li tosserva hekk:

*"Minn dan jitnissel b'egwal raguni illi l-ispedizzjonier jew ir-ricevitur iridu jfornu prova tal-kwalita`, stat u kondizzjoni tal-merkanzija meta din giet hekk stivata fil-containers. Mhux bizzejjed allura li r-ricevitur jiddemostra x'kien l-istat tal-merca fil-mument tar-recezzjoni taghha meta din ghaddiet fil-pussess tieghu izda jrid juri sodisfacentement illi dan l-istess stat ma jikkorrispondiex ghall-istat fil-mument tal-istivagg fil-containers. Dan ghaliex huwa proprju hu li jkun qed jallega u jattribwixxi htija fil-vapur u allura jehtieglu li jipprova fatti kostitwenti l-kawza tat-telf jew tad-dannu f'rapport man-negligenza attribwita minnu lill-vapur. Huwa biss meta jirnexxielu jaghmel dan illi l-piz tal-prova jisposta ruhu fuq il-vapur biex dan jiddemostra, b'konvinzjoni, illi t-telf jew dannu ma kienx dovut ghan-negligenza tieghu, anke, per ezempju, billi juri li d-dannu hu l-effett tal-vizzju fil-haga jew minhabba forza magguri jew ghal xi raguni ohra fost dawk annoverati taht Art 4 tal-Hague Rules ghall-fini ta' ezoneru mir-responsabblta`. Stabbilita xi wahda minn dawk ir-ragunijiet l-oneru jerga` jghaddi fuq ir-ricevitur." ("**Atlas Insurance Agency Ltd. noe -v- Gollcher Company Limited noe.**"*- PA (PS) - dec. fit-23 ta' Gunju 2004.)

Kif gja osservat, jirrizulta ampjament ippruvat li l-*container* gie ppakkjat mill-fornitur*,* qabel ma beda l-vjagg u qabel ma gie f'idejn it-trasportatur, kif ukoll li t-temperatura giet issettjata mill-fornitur*.* Ix-xhieda ta' Dolton ma thallix dubju f'dan ir-rigward, cioe' li l-fornitur kien responsabbli talli ssettja hazin it-temperatura fil-*container* fil-grad ta' - 14 grad C minflok +6 grad C.

Stabbilit dan il-fatt, huwa wkoll pacifiku bejn iz-zewg partijiet li t-temperatura ta' - 14 grad C kien il-kagun dirett tal-hsara li avverat fil-merkanzija meta wasslet f'Malta.

Il-konvenut issottometta li dan ghandu jiskaguna lit-trasportatur minn kull responsabbilta` ghall-incident, li sehh tort u negligenza tal-fornitur meta ssettja hazin it-temperatura.

Il-Qorti taqbel li l-fornitur ghandu jerfa' responsabbilta` ghal dak li gara. Madanakollu ma taqbilx li l-vettural huwa ghal kollox hieles minn parti mir-responsabbilta` tieghu ghall-hsara kkagunata lill-merkanzija.

Skont il-polza ta' kariku, it-trasportatur accetta li jgorr il-merkanzija bil-kondizzjoni espressa fuq il-polza li *"temperature to be maintained at +6 degrees Cels."* Dan ifisser li t-trasportatur ghandu jassikura li t-temperatura miftehma tinzamm tul il-vjagg u, necessarjament dan igib mieghu obbligu li jzomm monitoragg tat-temperatura anke permezz ta' spezzjonijiet regolari.

Paul Ellul, is-*surveyor* prodott mis-socjeta' attrici qal li "hija responsabbilta`... mic-corma tal-bastiment wara li jitghabba li skont il-prassi taghhom izommu *'temperature log'*."[18] Joseph Bowman, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, xehed li *"biex it-temperatura tal-container tinzamm b'dak il-mod u livell, anke waqt il-vjagg, dan irid ikun plugjat anke matul it-tragitt. Din hija r-responsabbilta` tac-corma fuq il-bastiment."* **Dione Agius** it-*technician* tal-Freeport Malta qal li *"huwa possibbli biex it-temperatura settjata f'reefer container tigi aggustata."*

[18] Xhieda Paul Ellul.

Fil-fehma tal-Qorti dan juri li s-*setting* tat-temperatura tista' tigi aggustata waqt il-vjagg.

Il-Qorti tqies li t-trasportatur kellu jaggusta t-temperatura skont il-kondizzjoni tat-tghabija anke, okkorrendo, billi javza lill-agent tal-bastiment jew lill-konsenjatarju qabel ma jaghmel dan. Izda minn dan ma sar xejn.

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta *nomine* ghandha terfa' parti mir-responsabbilta` ghall-hsara in kwantu li l-ommissjoni tal-vettura jikkostitwixxi ksur tal-obbligazzjoni tieghu to "*properly and carefully*...... *care for the goods carried.*" (Art 3.2. Hague Convention).

Minhabba li l-merkanzija nzammet abbord ghall-diversi granet, hija probabbli li l-merkanzija ma kinetx tispicca kollha distrutta jekk ikun sar l-aggustament mehtieg matul il-vjagg. Ghalhekk il-Qorti ser tapporzjona responsabbilta` fil-grad ta' terz 1/3 kontra s-socjeta` konvenuta *nomine*.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

L-ammont tad-danni mitlub mis-socjeta' attrici gie ridott ghal hamest elef, seba' mija u erbatax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm5,714.89)[19], tlettax-il elf, tliet mija u tnax-il ewro u hdax-il centezmu (€13,312.11). Dan jinkludi wkoll *lucrum cessans.*

Is-socjeta` konvenuta ghamlet riferenza ghall-klawsola 14 tal-polza, li tghid: "*Subject to any limits of liability under the Hague Rules of the Hague-Visby Rules whichever are applicable by Clause 1 above (Paramount clause), the liability of the carrier in a case of loss of or damage to or detention of the goods in circumstances involving him in responsibility shall be calculated on* <u>*and shall in no case exceed the shippers net invoice costs and disbursements less all charges saved*</u>." (sottolinear tal-Qorti.)

[19] Rizultanti min-nota ta' riduzzjoni tat-talba a fol. 139 datata l-24 ta' Frar 2005.

*In visto* ta' din il-klawsola kontrattwali, il-Qorti ser takkolji din l-eccezzjoni u tillikwida d-danni fl-ammont ta' €9,218.65 (gja Lm3,957.57)[20] filwaqt li tichad it-talba attrici in kwantu li din tinkludi risarciment ghall-ammont rapprezentanti *lucrum cessans.*

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillikwida s-sehem dovut mis-socjeta` konvenuta *nomine* ghad-danni subiti mis-socjeta` attrici minhabba nuqqasijiet fil-garr tal-merkanzija in kwistjoni f'sehem ta' terz mill-ammont indikat, u cioe` fl-ammont ta' €3.072.88.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta in kwantu li huma nkompatibbli ma' din id-decizjoni, **tilqa'** it-talbiet attrici billi: -

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli in parti ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici kwantu ghal sehem ta' terz (1/3).

2. Konsegwentement tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tnejn u sebghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€3,072.88), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mis-socjeta' attrici u terz mis-socjeta` konvenuta (1/3).

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

[20] Dok A a fol. 5 tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------